**23 ta' Jannar, 1998**

**Imħallef:-**

**Onor. Vincent DeGaetano LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Carmelo Farrugia

**Manteniment**

*Huwa minnu li sabiex wieħed jipproċedi għal separazzjoni personali kontenzjuża, hija rikjesta bil-liġi l-awtorizzazzjoni mis-Sekond'Awla tal-Qorti Ċivili, u li tali awtorizzazzjoni jkollha l-effetti legali biss għaż-żmien perentorju li tistabbilixxi l-liġi. B'danakollu, meta f'dik l-awtorizzazzjoni jkun hemm ukoll ipprovdut ordni għall-ħlas ta' manteniment pendente lite, u jiskadi ż-żmien perentorju mingħajr ma jkunu ġew istitwiti l-proċeduri opportuni ċivili, dan ma jnaqqas xejn mill-eżistenza u validità legali ta' ordni ta' Qorti għal manteniment.*

Il-Qorti:-

Rat l-imputazzjoni miġjuba kontra Carmelo Farrugia talli fix-xhur qabel iċ-ċitazzjoni - li ġġib id-data tal-21 ta' Ottubru, 1996 - naqas li joħroġ manteniment għal martu Francis Farrugia u għal bintu minuri Louise u dan bi ksur tad-digriet tas-Sekond'Awla tal-Qorti Ċivili numru 266/1996 mogħti fl-14 ta' Marzu, 1996;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tad-9 ta' Mejju, 1997 li permezz tagħha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Carmelo Farrugia ħati skond l-imputazzjoni dedotta kontra

tiegħu, is-sentenza tkompli hekk:

"... u wara li rat l-artikolu 338 (ż) u 7 (2) (a) tal-Kap. 9 tordna li fi żmien ġimgħa l-imputat iħallas l-arretrati kollha - ċjoè s-somma ta' mitejn u tmenin lira Maltija (Lm280) u fin-nuqqas tikkundannah għal ħmistax-il ġurnata detenzjoni";

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Carmelo Farrugia, minnu ppreżentat fid-19 ta' Mejju, 1997, li permezz tiegħu talab ir-revoka ta' l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawża; rat in partikolari l-verbal ta' l-udjenza tal-31 ta' Ottubru, 1997 fejn id-difensuri tal-partijiet qablu li ma kienx hemm għalfejn li fil-mori ta' l-appell jinstemgħu provi peress li l-aggravju ta' l-appellant kien wieħed ta' natura legali; semgħet lill-istess difensuri; ikkunsidrat:

L-aggravju ta' l-appellant jikkonsisti filli hu qed jallega li l-ordni tas-Sekond'Awla tal-Qorti Ċivili ta' l-14 ta' Marzu, 1996 (mhux 1997 kif indikat fir-rikors) li bih ġie ordnat il-ħlas tal-manteniment fis-somma ta' erbgħin lira (Lm40) fix-xhar lil mart l-appellant għaliha u għal bintha kien jiskadi wara xahrejn; li mart l-appellant ma ppreżentatax il-kawża għas-separazzjoni f'dan iż-żmien ta' xahrejn iżda minflok talbet proroga permezz ta' rikors ippreżentat fis-Sekond'Awla, liema rikors ġie akkordat mingħajr mhu kien ġie nnotifikat bih; u li konsegwentement l-effett tad-digriet ta' l-14 ta' Marzu, 1996 għal dak li hu ħlas ta' manteniment kien skada. L-appellant għamel referenza ukoll għas-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell tas-7 ta' Ottubru, 1991 fl-ismijiet **Roccu Buhagiar** ***vs*** **Jean Buhagiar**;

L-appellant, però, m'għandux raġun. Il-punt dwar il-validità ta' ordni għall-ħlas ta' manteniment mogħti f'digriet li

permezz tiegħu tiġi awtorizzata l-proċedura fil-kontenzjuż għas-separazzjoni personali diġà ġie eżaminat *funditus* minn din il-Qorti fis-sentenza tagħha ta' l-10 ta' Marzu, 1995, fil-kawża fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Angelo Baldacchino)** ***vs*** **Lawrence Cilia**. Il-Qorti qed tirriproduċi l-parti relevanti ta' dik is-sentenza:

"Is-Sekond'Awla tal-Qorti Ċivili, fid-digriet tagħha li bih tawtorizza lil xi parti biex tipproċedi għall-firda personali quddiem il-Prim'Awla, jew f'rikors sussegwenti però qabel ma jinbdew il-proċeduri fil-kontenzjuż, tista' ukoll tagħmel ordni bħal dak in kwistjoni u dana l-ordni jkun validu kemm għal matul il-proċeduri quddiem is-Sekond'Awla kif ukoll għal matul il-proċeduri quddiem il-Prim'Awla - artikolu 470 (1), Kap. 12 - dejjem, naturalment, sakemm dana l-ordni ma jiġix irrevokat jew altrimenti mibdul minn waħda minn dawn il-Qrati skond ma jkun il-każ;

L-artikolu 553 tal-Kap. 12 li jipprefiġġi terminu ta' sitt xhur - qabel l-1983 kien ta' xahrejn għall-validità ta' digriet ta' awtorizzazzjoni jew permess tas-Sekond'Awla, japplika biss għall-każijiet ta' awtorizzazzjoni jew permess għal xi konvenzjoni jew rinunzja, u mhux ukoll għal digriet sabiex wieħed jipproċedi fil-kontenzjuż għas-separazzjoni personali. F'dan is-sens hi konkordi ukoll il-ġurisprudenza (ara **Vella** ***vs*** **Vella**, Prim'Awla 22/1/12, Kollez. Vol. XXI.II.409; **Vella** ***vs*** **Vella**, Prim'Awla, 27/4/50, Kollez. Vol. XXXIV.II.553). F'digriet bħal dan jista' jkun hemm, kif ġà ngħad, ordni għall-ħlas ta' manteniment kif ukoll ordni għall-kura u għall-kustodja tat-tfal u għall-aċċess għalihom għal dik il-parti li ma tkunx ġiet hekk fdata bil-kura u l-kustodja. Isegwi, għalhekk, li l-fatt li jkunu ddekorrew is-sitt xhur ma jfissirx li dak id-digriet u dawk l-ordnijiet awtomatikament jiskadu. Salv l-effetti ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet, dawk l-ordnijiet jibqgħu validi sakemm ma jiġux espressament irrevokati jew altrimenti

mibdula jew mill-istess Sekond'Awla jew mill-Prim'Awla;

It-terminu ta' xahrejn, li għalih saret referenza mill-abbli difensur ta' l-appellant, m'għandux x'jaqsam mal-validità tad-digriet jew ta' l-ordni għall-ħlas tal-manteniment. Dan it-terminu, li joħroġ mill-artikolu 480 (4) tal-Kap. 12, jirreferi għall-esegwibbilità ta' dak id-digriet bil-mezz ta' xi att esekuttiv imsemmi fl-artikolu 273 tal-Kap. 12. Il-fatt li d-digriet ma jibqax hekk esegwibbli bil-mezz ta' xi wieħed minn dawn l-atti ma jfissirx li dak id-digriet u l-ordni għall-ħlas tal-manteniment fih ikkontenut ikun skada għall-finijiet ta' l-artikolu 338 (ż) tal-Kodiċi Kriminali;

Għalhekk fil-każ in diżamina l-aggravju ta' l-appellant fis-sens li ma jirriżultax li mart l-appellant segwiet id-digriet tas-Sekond'Awla "bil-proċeduri opportuni kkontemplati mil-liġi" - referenza ċara għaċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim'Awla - hu impostat ħażin, peress li l-fatt li ċ-ċitazzjoni ma tkunx ġiet intavolata, entro xahrejn jew entro sitt xhur, ma jfissirx li dak l-ordni għall-manteniment ikun b'hekk skada";

Din il-Qorti eżaminat is-sentenza **Buhagiar *vs* Buhagiar** aktar 'il fuq imsemmija, iżda ma tistax taqbel mal-prinċipju fiha enunċjat; l-espressjoni "ma jibqax esegwibbli" fis-subartikolu (4) ta' l-artikolu 480 tal-Kap. 12 jirreferi biss, fil-fehma ta' din il-Qorti, għall-esewibilità b'wieħed mill-mezzi msemmija fl-artikolu 273 tal-Kap. 12, u dan kif jirriżulta ċar anke mil-lokuzzjoni adoperata fis-subartikolu (3) (a) ta' l-imsemmi artikolu 480;

Għalhekk, għall-fnijiet ta' din il-kawża penali, hu rrilevanti meta ġiet intavolata l-kawża ta' separazzjoni jew jekk intalbitx o meno proroga tad-digriet oriġinali; ġaladarba l-ordni kkontenut f'dak id-digriet ma kienx ġie espressament irrevokat

jew altrimenti mibdul mill-istess Sekond'Awla jew mill-Prim'Awla (u salv il-prova ta' rikonċiljazzjoni jew ta' dikjarazzjoni ta' Qorti oħra kompetenti li dak id-digriet jew dak l-ordni kien null) l-ordni għall-ħlas tal-manteniment jibqa' validu għall-finijiet u effetti kollha ta' l-artikolu 338 (ż) tal-Kodiċi Kriminali;

Għall-motivi premessi, tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.